# L-Innu tal-Banda San Gejtanu F'għeluq il-Ħamsin Sena Tiegħu

**jikteb Horace Muscat, President Onorarju**

**Meta** nhar it-Tlieta, 6 ta' Awissu 2002, il-Banda San Gejtanu tati bidu għall-impenji tagħha marbuta mal-festa tal-Patrun fit-toroq tal-Ħamrun, hija żgur li se tagħmel dan billi kif isir tradizzjonalment, tiftaħ bin-noti qawwija tal-fanfarra li bihom jibda l-Innu Marċ Lill-Banda San Gejtanu, kompożizzjoni mill-isbaħ ta' Mro. Joseph Abela Scolaro fuq versi ta' Dun Frans Camilleri. Hekk kif se nisimgħuhom, żgur se niftakru li dan l-Innu, din is-sena jagħlaq ħamsin sena jgħaxxaq lil kull qalb Tamlija.

Skond ma nsibu miktub fil-ktejjeb maħruġ mill-Għaqda fl-1952, dan l-Innu hu mibni fuq melodija li jistħoqqilha tifħir kbir. Kienet ħaġa żgħira u ħafifa għall-partitarji biex jitgħallmu l-Innu. Insibu miktub li meta l-Innu nstema' għall-ewwel darba waqt kunċertin tal-bandisti tal-post, kulħadd ħareġ isaffru. Il-kittieb jifraħ f'kitbietu li mal-mużika sabiħa tas-surmast Abela Scolaro, hemm versi li jgħaxxqu lil kull ammiratur tal-Banda San Gejtanu.

Il-ħajja ta' dan l-Innu sabiħ tagħna niftakarha kollha, għaliex meta twieled kont ilni diġa xi snin nifforma parti mill-Kumitat tal-Għaqda. F'dik is-sena kont nokkupa l-kariga ta' Assistant Segretarju mas-Segretarju Joseph Debattista. Konna diġa nafu lkoll bil-kapaċitajiet kbar fil-kompożizzjoni tas-Surmast Abela Scolaro li kien it-tieni Malti li kiseb id-diploma F.L.C.M. fl-1950. Fil-fatt is-Surmast Abela Scolaro kien diġa ta lill-Għaqda il-kapolavur fl-Innu Kantata lil San Gejtanu fl-1947 u kkompona ukoll xogħlijiet mill-isbaħ bħal Slavonia, Alcestis u l-Innu Vexilla Regis. Kien ukoll kull sena iforni lill-Banda San Gejtanu b'numru ta' marċijiet tassew sbieħ u brijużi, eżempju ċar hu l-marċ Appassionata magħruf bħala l-"Ġ".

Kulħadd kien jaf li jekk titlob xi ħaġa lis-Surmast, xejn ma kienet problema għalih biex jaqta' x-xewqat espressi. Mhux l-ewwel darba li min kien ikun

 

**Il-kompożitur u l-kittieb tal-Versi ta' l-Innu Tal-Banda San Gejtanu, Mro. Joseph Abela Scolaro u Dun Frans Camilleri**

esprima x-xewqa, kien jibqa' sorpriż meta waqt xi kunċert tal-Banda jisma' l-ħsieb li kellu jieħu l-forma bil-mużika sabiħa Scolarjana. Eżempju tipiku kien il-każ tal-marċ Bag Pipe Stroll (taċ-ċirimelli), li kien nibet bħala xewqa fil-jiem tal-festa u fl-istess festa is-Surmast Abela Scolaro kitbu u kkunċertah eżatt qabel ma ħareġ u beda l-marċ.

Għalhekk meta n-nies bdew jisimgħu ix-xogħol sabiħ tiegħu u jaraw li kien jagħmel minn kollox biex jaqta' x-xewqat li jisma' bihom, beda jinstema' l-kliem dwar xewqa ta' Innu Marċ. U l-Innu Marċ lill-Banda San Gejtanu wasal! Wasal fl-1952 - Ħamsin Sena ilu.

Biss dan ma kienx l-ewwel Innu Marċ tal-Banda. Fil-fatt jekk immorru lura għas-sena 1944 insibu li s-Sibt, 24 ta' Ġunju, jum l-anniversarju tal-Għaqda, il-Banda San Gejtanu kienet esegwiet programm mużikali li barra li fakkar Jum l-Għaqda, kien ukoll l-ewwel programm dirett minn Mro. Joseph Abela Scolaro. Insibu mniżżel fil-programm maħruġ għall-okkażjoni li wara li l-Banda tagħmel marċ ma' toroq ewlenin, ittella' programm f'Misraħ San Pawl.

Il-Programm mużikali esegwit kien jinkludi xogħol ta' Bazzini, Catalani, Abela Scolaro, Puccini, Coates u Innu Marċ Lill-Banda San Gejtanu kompożizzjoni ta' Joseph Abela Scolaro.

Dan l-Innu Marċ tal-Banda miktub mis-Surmast Jos. Abela Scolaro immedjatament wara li nħatar Surmast Direttur, kellu versi tas-Segretarju Ġużè'

Grech. Kien Innu Marċ li kellu ħajja qasira, għaliex kif nafu tmien snin wara feġġ l-Innu Marċ li ilu għal dawn l-aħħar ħamsin sena jimlilna qalbna.

Intant, l-Innu Marċ tal-1944, kien Innu li nistgħu ngħidu li kien il-frott tal-gwerra għaliex il-versi ta' Ġuże' Grech jixhdu ċar daqs il-kristall, is-sentimenti pro-Brittaniċi tal-Każin u nistgħu ngħidu tal-Maltin, wara t-tbatija tal-gwerra. Kien Innu ta' l-epoka li llum li kieku għadu l-Innu tagħna, ngħid li lanqas biss noħolmu li ndoqquh jew inkantawh. Għaliex? Araw dawn il-versi ta' Ġuże' Grech -

Bħal blanzun ċkejken ta' Warda Maltija
Feġġejt, kbirt issa fi ġnien Ħamruniż
Int Banda tagħna, bint qerd l-ereżija
Gejtan ta' Thiene, il-kbir Qaddis.
Tħammar f'nofs Ġawhra
Bl-ibħra mbewsa,
Il-gżira xemxija,
Sur l-aktar qawwi
Ta' l-Imperu Ingliż.
Bħal-blanzun ta' Warda Maltija
Bi tbissima bellusija
Tfewwaħ Ħelliesa
Tax-xogħol int Melliesa
Ingħożżuk b'ħafna kburija
Bħal blanzun ta' warda Maltija.

Inkomplu nsibu miktub fil-programm li kien ħareġ f'din l-okkażjoni li dan l-Innu kellu jitkanta minn studenti tal-Banda flimkien ma' żgħażagħ oħra u ukoll li wara li jintemm il-programm, is-Surmast kellu jitwassal il-Każin fejn kellu jinżamm Dinner f'ġieħu li jintemm bi brindisi f'ġieħ l-istess Surmast.

Biss dwar Innijiet tal-Banda hemm aktar x'jingħad għaliex qabel dan l-ewwel Innu ta' Abela Scolaro ta' l-1944, il-Banda San Gejtanu jidher li kellha Innijiet oħra. Saħansitra nistgħu immorru lura lejn l-1906 meta l-Banda daqqet fil-pubbliku għall-ewwel darba, 44 jum biss wara t-twelid tal-Għaqda.

Nistqarr mill-ewwel li ħafna mill-mużika l-antika hi mitlufa. Dan jista' jkun dovut għal għadd ta' fatturi, bħal il-fatt li l-Għaqda fis-snin bikrin tagħha biddlet il-lokal diversi drabi u dan seta' jikkawża telf, il-fatt ta' nuqqas ta' spazju li ġiegħel, kif jgħid il-qawl, li l-musmar il-ġdid jaqla' l-qadim, biex b'hekk għall-ħolqien ta' ftit spazju, partituri antiki twarrbu sa ma ntilfu u ukoll il-fatt ta' nuqqas ta' għarfien ta' importanza tal-valur storiku tagħhom.

Fattur ieħor li wassal għal dan żgur li kienet il-gwerra, għaliex f'dan iż-żmien is-swali tas-sular ta' fuq tal-Każin intużaw għal skopijiet li għad li kienu

ferm neċessarji xejn ma kellhom x'jaqsmu mal-mużika. Fil-fatt dawk li llum huma magħrufa bħala is-Sala ta' l-Arkivju u s-sala Joseph Abela Scolaro, kienu jintużaw bħala skola waqt li s-sala Dun Frans Camilleri u s-sala Francesco Buttigieg kienu jintużaw bħala Qorti. Dan jien niftakru personalment għaliex anke jien attendejt l-iskola fil-Każin.. Biex il-Każin qeda din il-funzjoni kien twarrab kollox u kollox kien inħażen fit-taraġ tal-bejt fejn kollox dam hemm għal snin sħaħ. Din il-ħażna flok swiet biex tippriserva d-dokumenti u l-mużika, eċċ., swiet biex sar telf kbir għal dejjem, kemm ta' dokumenti u kemm ta' mużika.

Kien x'kien dak li seħħ, jibqa' l-fatt li l-Banda San Gejtanu sa mill-bidu tagħha kellha dejjem Diretturi ta' fama u kompożituri imfittxija u sa mill-ewwel programmi tagħha, li baqgħu irrekordjati fil-ġurnali u f'pubblikazzjonijiet oħra, naraw li l-Banda esegwiet kompożizzjonijiet li llum sfortunatament ma jinstabux fl-Arkivju, minħabba dak li semmejna qabel.

L-ewwel darba li jien sibt li kien indaqq Innu San Gejtanu, qabel it-tmiem tal-programm mużikali bil-God Save the King, kif kienet id-drawwa dak iż-żmien, skond il-gazzetta *Malta* tat-22 ta' Mejju 1907, kien fil-programm tal-Banda fi Pjazza San Pawl nhar is-26 ta' Mejju 1907, Madankollu il-ġurnal *Malta Tagħna* tad-19 ta' Awissu 1906 ġa kellu kliem ta' tifħir għas-surmast Giuseppe Sammut u għax-xogħol tiegħu ġdid **Innu San Gejtanu**.

Niltaqgħu ukoll mad-daqq ta' **Innu San Gejtanu** fil-programmi li l-Banda esegwiet taħt id-Direttur Prof. Salvatore Abela Scolaro. Mir-rapporti li jidhru fil-ġurnal *Malta,* tat-23 ta' Lulju 1908, insibu msemmi d-daqq ta' dan l-Innu iżda mkien ma jissemma li kien Innu ġdid miktub minnu. Biss jekk il-ġurnal ta dettalji tal-kompożituri tas-siltiet kollha, ma ta l-ebda dettal dwar il-kompożitur ta' l-Innu. Dan jista' jfisser li kien l-istess Innu tas-Surmast Sammut jew li kien ġdid, jiġifieri xogħol tas-Surmast Prof. Salvatore Abela Scolaro. Jekk dan ta' l-aħħar kien il-każ, allura il-Banda fi żmien qasir kienet diġa esegwiet it-tieni Innu tagħha.

Immorru għas-sena 1917 meta l-Banda kienet diretta mis-Surmast Salvatore Mallia. Naqraw fil-ġurnal *Malta* tal-10 ta' Awissu li għall-okkażjoni tal-festa il-Banda San Gejtanu ser tesegwixxi programm lejliet il-festa, is-Sibt, 11 ta' Awissu 1917, u fil-lista tal-mużika insibu **Innu San Gaetano** qabel il-God Save. Dan żgur li ma kienx l-Innu Kbir **A San Gaetano** bit-tenur, baritonu u kor, li kkompona is-Surmast Mallia u li kien esegwit nhar is-7 ta' Awissu 1920 kif kien imħabbar f' *The Malta Herald* tal-4 ta' Awissu 1920.

Aktar 'il quddiem niltaqgħu ma` Innu ieħor, imsejjaħ **Innu San Gejtanu**. Dan hu innu tas-Surmast Gianni Grech li ukoll tana kompożizzjonijiet ferm sbieħ fosthom l-Innu l-Kbir **A San Gaetano**, wieħed mill-ħames Innijiet kbar li l-Għaqda għandha iddedikati lill-Patrun. Dwar dan l-Innu għad hemm mistoqsija kbira - jekk dan kienx Innu tal-Banda jew Innu Popolari.

Minn dan li rajna s'issa jidher mela li l-Banda San Gejtanu sa mill-bidu tagħha dejjem kellha xi forma ta' Innu, jew iddedikat lill-Qaddis Patrun tagħha jew iddedikat lill-istess Banda u dawn dejjem kienu kompożizzjonijiet ta' surmastrijiet tagħha.

Hawnhekk naslu għall-Innu Marċ tal-1944, li ġa semmejna, kompożizzjoni ta' Joseph Abela Scolaro fuq versi ta' Ġużè' Grech. Kif ġa għedna ukoll kienet nibtet l-idea u x-xewqa ta' Innu ġdid u l-kliem kien qed jintqal u għal dan il-kliem kemm is-Surmast Abela Scolaro kif ukoll il-poeta Dun Frans Camilleri, li kien Direttur Spiritwali tal-Għaqda, ma setgħux jagħlqu widnejhom.

Fl-1947, dawn iż-żewġ artisti kienu taw lill-Għaqda ġawhra mill-isbaħ fl-**Innu Kantata Lil San Gejtanu**. Kien wasal iż-żmien li jerġgħu jgħaqdu l-forzi tagħhom biex jagħtu lill-Għaqda ġawhra oħra - INNU MARĊ MILL-ISBAĦ!

Il-ħila ta' Abela Scolaro biex jikkomponi kienet magħrufa sewwa u l-istess kienet il-ħila ta' Dun Frans biex jorqom il-kelma biex f'versi mimlija ħajja iwassal ħsieb ċar u kwadru sħiħ. Is-sentimenti li jħoss kull partitarju tal-Banda San Gejtanu jinsabu imdaħħlin u mżewġin flimkien fil-versi ta' l-Innu.

Jekk wieħed iqalleb ftit il-paġni ta' dan il-ktieb, żgur isib lejn l-aħħar il-versi ta' l-Innu Marċ. Jidhru żewġ strofi u refrain u żewġ strofi oħra u mbagħad jerġa' r-refrain. Fil-fatt ma' dawn il-versi Dun Frans kien kiteb żewġ strofi oħra li jidhru fil-pubblikazzjoni tal-1952 (is-sena li fiha twieled l-Innu), u li aktar tard kienu ġew imneħħija mill-Innu li writna aħna bla ma sar tibdil fil-mużika.

Dawn iż-żewġ strofi li kienu segwiti bl-istess refrain, kienu jaqraw:

Madwarek miġburin,
Minn leħnek imsaħħrin,
Fil-marċi u d-daqq ferrieħ,
Fil-ħlewwa ta' programmi kollha sbieħ.

Mal-Banda l-ġieħ imur
Lill-kbir kompożitur
U għaref Direttur
Lill-bravu Surmast tagħna unur.

Waqt li l-ewwel strofa kienet titkellem u tati ġieħ lill-Banda, fit-tieni strofa dan il-ġieħ kien jingħata ukoll lis-Surmast Abela Scolaro. Kien ħaqqu tassew għaliex bil-ħila tiegħu kien ta kontribut kbir biex il-Banda San Gejtanu tikber fil-fama u tikber f'ħidmietha, iżda ovvjament biex l-Innu jkun dejjiemi ma setax ikollu kliem marbut ħaġa waħda ma' persuna, iżda ried ikun biss marbut ma' l-idea tal-Għaqda u tal-Banda, idea li bdiet mat-twaqqif u għadha ħajja sal-lum.

Malli l-Innu Marċ il-ġdid instema' għall-ewwel darba fil-pubbliku ħamsin sena ilu, minnufih għamel furur u daħal dlonk f'qalb it-Tamlin kollha. Huwa Innu mfaħħar minn min ma jitkellimx b'passjoni iżda hu kapaċi jevalwa u japprezza x-xogħol mużikali li fih, xogħol li waqt li jwassal l-isbaħ arja ta' festa, joħloq tifħira u omaġġ lill-Banda li lilha hu ddedikat u fuq kollox jagħmel dan b'xogħol mill-aktar validu mużikalment.

Sena wara sena dan l-Innu Marċ ta bidu għal kull servizz li l-Banda San Gejtanu twettaq u ġab fi tmiemu kull programm ta' mużika klassika u semi-klassika. Kien hu li għal dawn l-aħħar ħamsin sena fetaħ il-festi kbar li l-Għaqda torganizza f'jiem il-festa tal-Patrun tagħha u kien hu li għalaqhom.

Id-destin ta' dan l-Innu Marċ kompla jikber aktar meta Dun Frans Camilleri, kien kiteb għall-melodija tiegħu, versi oħra, versi li jagħtu kull tifħir lil San Gejtanu, biex b'hekk l-Innu barra li hu l-Innu tal-Banda, hu ukoll Innu Marċ Lil San Gejtanu. Tajjeb hawnhekk infakkru li Dun Frans Camilleri matul ħajtu kiteb aktar minn tmien mitt Innu.

Forsi bla ma ħafna jafu u jindunaw, l-Innu tagħna jilbes dawn iż-żewġt ilbiesi f'kull festa ta' San Gejtanu li niċċelebraw. Dan għaliex waqt il-marċijiet kbar tal-festa u waqt il-programm mużikali fil-jiem tat-Tridu huwa jkun imlibbes l-Innu tal-Banda, waqt li l-Ħadd filgħaxija fi tmiem il-festa, meta l-istatwa titulari tkun fuq iz-zuntier biex tiddaħħal lura, dan l-Innu jinstama' bħala l-Innu Marċ Lil San Gejtanu.

Dan il-fatt hu mnaqqax ukoll fil-kuntratt notarili iffirmat bejn il-Baned Ħamruniżi u l-Parroċċa fl-1988, fejn jingħad ċar li l-Istatwa Titulari għandha tiddaħħal lura l-knisja waqt id-daqq ta' l-Innu Marċ Tiħir Lil San Gejtanu tas-Surmast Joseph Abela Scolaro. B'hekk it-tislima finali li l-poplu Ħamruniż jagħti kull sena lill-Patrun tagħna, issir b'dan il-kapolavur ta' Joseph Abela Scolaro u Dun Frans Camilleri.

Din is-sena qed infakkru il-ħamsin sena fil-ġrajja ta' dan l-Innu tant sabiħ tagħna. Żgur li dan l-Innu ġie biex jibqa' u żgur li se jkun hu li jiftaħ bl-isbaħ mod u bl-oħla sentimenti il-festi kbar li l-Għaqda tagħna qed tħejji biex tfakkar l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tagħha.

**ŻOMM KONTROLL FUQ ĦAJTEK**

**ŻOMM BOGĦOD MID-DROGA**